# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 14 ta' Frar, 2019**

**Kawża Nru. 30**

**Rik. Nru. 860/16JRM**

Fl-Atti tal-Ittra Uffiċjali Numru 2758/16
datata 18 ta' Awwissu 2016 fl-ismijiet:

John **SALIBA**

vs

Joseph **CACHIA** u Josephine Cachia

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fit-28 ta' Settembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti eżekutati miżżewġin Cachia talbu li din il-Qorti tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-kawża għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha li jkunu xierqa u meħtieġa. Talbu wkoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat eżekutant John Saliba fit-12 ta' Ottubru, 2016, li biha ta il-fehmiet tiegħu għaliex ma kellhiex tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti eżekutati;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet, u ħadet konjizzjoni wkoll tal-provi dokumentali mressqa minnhom;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

Rat il-verbal tat-2 ta' Marzu, 2017[1], li bih il-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-għeluq;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq mill-partijiet[2];

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Diċembru, 2017[3], li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni biex twaqqaf l-eżekuzzjoni ta' kambjala għall-finijiet tal-*proviso* tal-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Ir-rikorrenti eżekutati kienu ħarġu kambjala favur l-intimat eżekutanti u qegħdin jgħidu li hemm raġunijiet tajbin fil-liġi biex il-Qorti żżomm l-eżegwibilità tagħha, liema raġunijiet jintrabtu ma' qerq imwettaq mill-istess eżekutant fil-konfront tagħhom;

Illi mill-fatti rilevanti li joħorġu mill-atti jirriżulta li l-eżekutat Joseph Cachia għall-ħabta tal-2010 kien sar azzjonist minoritarju f'kumpannija – bl-isem ta' Solid Base Limited – li kienet tmexxi stabbiliment bl-isem ta' "*Caribbean*", li jinsab fi Triq Birżebbuġia, f'Ħal Far, flimkien mal-eżekutant John Saliba. Il-partijiet waqqfu kumpannija bl-isem ta' Sabrina Limited bil-għan li l-kirja tal-imsemmi stabbiliment iddur fuqha. Minħabba li l-eżekutat u l-eżekutant ma qablux bejniethom u tlewmu bosta drabi, fl-2013, l-eżekutat Cachia xtara wkoll is-sehem li Saliba kellu f'dik il-kumpannija, b'hekk l-eżekutati miżżewġin Cachia saru l-azzjonisti waħdanin tagħha[4];

Illi f'kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-6 ta' Novembru, 2013[5], fl-atti tan-Nutar Anthony Grech Trapani, l-eżekutati dehru

[1] Paġ. 63 tal-proċess
[2] Traskrizzjoni tagħha tistab f'paġġ. 64-70 tal-proċess
[3] Paġ. 73 tal-proċess
[4] Ara l-affidavit ta' Joseph Cachia f'paġ. 19 tal-proċess. Ara wkoll it-tieni premessa fil-ftehim tas-6 ta' Novembru, 2013 mmarkat bħala Dok. "JS1A" f'paġ. 51 tal-proċess
[5] Dok. "JS1A" f'paġ. 51 – 5 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tar-rikorrenti Joseph Cachia f'paġ. 57 – 8 tal-proċess

bħala debituri tal-eżekutant u ta' martu. Id-dejn mistqarr fuq il-kuntratt kien fl-ammont ta' mija tnejn u disgħin elf, u sebgħin ewro (€192,070). L-eżekutati miżżewġin Cachia dehru wkoll bħala garanti solidali mal-kumpannija Sabrina Limited għall-ħlas tad-dejn li hija kellha mal-eżekutant Saliba;

Illi fl-1 ta' Awwissu, 2015, l-eżekutati Cachia aċċettaw il-kambjala maħruġa mill-eżekutant John Saliba għas-somma ta' għoxrin elf ewro (€20,000), liema kambjala kellha timmatura fl-1 ta' Awwissu, 2016[6].

Illi f'Ġunju, 2016, l-eżekutat Cachia ġie mgħarraf mill-Korporazzjoni Enemalta (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Korporazzjoni") li kien hemm kont pendenti fuq l-istabbiliment illum ġestit mill-istess eżekutat fl-ammont ta' ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000), u wara laqgħat li saru mal-Korporazzjoni dan l-ammont tniżżel għal sbatax-il elf u disa' mitt ewro (€17,900)[7]. Fl-20 ta' Ġunju[8], l-eżekutat Cachia laħaq ftehim mal-Korporazzjoni biex iħallas dan il-kont bin-nifs għaliex ġie mgħarraf li, fin-nuqqas, il-Korporazzjoni kienet taqta' s-servizz tad-dawl għal dak il-post[9]. Għalkemm l-eżekutat Cachia jgħid li għarraf b'dan lill-eżekutant Saliba, huwa ma nvolvihx fil-kwestjoni qabel ma ffirma l-ftehim[10]. Fi kliem il-Korporazzjoni, dan l-ammont kien jirrappreżenta tbagħbis fil-*meter* u serq ta' dawl fi żmien meta l-fond l-eżekutant kien imexxi l-istabbiliment fis-snin ta' qabel[11]. Jirriżulta wkoll li saret spezzjoni fil-fond minn persuni mibgħuta mill-Korporazzjoni, u għalkemm sabu brix li kien indikattiv li seta' kien hemm tbagħbis fl-arloġġ tad-dawl, il-kalamita jew oġġett ieħor li ġeneralment jintuża għal dan l-iskop ma nstabitx fil-fond[12];

Illi fit-18 ta' Awwissu, 2016[13], l-intimat Saliba interpella uffiċjalment lill-eżekutati miżewġin Cachia permezz ta' ittra uffiċjali sabiex iħallsu l-import tal-kambjala minnhom aċċettata fl-ammont ta' għoxrin elf ewro (€20,000) flimkien mal-imgħaxijiet miġmugħa;

Illi fit-28 ta' Settembru, 2016, l-eżekutati Cachia ressqu r-Rikors tal-lum;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-każ li l-Qorti għandha quddiemha, xieraq jingħad li l-liġi tipprovdi li kambjala jew *promissory note* maħruġin skond il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli eżekuttivi, hekk kif tintbagħat lill-aċċettant ittra uffiċjali wara li tagħlaq id-data

---

[6] Dok. "JS1" f'paġ. 4A tal-proċess
[7] Ara l-affidavit ta' Joseph Cachia f'paġ. 20 tal-proċess
[8] Dok "MB", f'paġ. 36 tal-proċess
[9] *Ibid* paġ. 21 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "C" f'paġ. 6 tal-proċess u x-xhieda ta' Michael Buttiġieġ f'paġ. 44 tal-proċess
[10] Ara x-xhieda ta' Joseph Cachia mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 59 – 61 tal-proċess
[11] Ara l-affidavit ta' Joseph Cachia f'paġ. 21 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "B" f'paġ. 5 tal-proċess
[12] Ara x-xhieda ta' Joseph Giuliano f'paġġ. 38 u 39 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "JG1" sa Dok. "JG9" f'paġġ. 31 – 5 tal-proċess
[13] Ara Dok. "A" f'paġġ. 3 – 4 tal-proċess

tal-ħlas tagħha u ma tkunx għadha tħallset. Il-liġi trid li l-ittra uffiċjali mibgħuta lid-debitur aċċettant tavżah, taħt piena ta' nullità, bil-jedd tiegħu li jopponi dik it-talba għall-ħlas fi żmien għoxrin jum min-notifika lilu tal-istess ittra billi jressaq rikors li bih jopponi l-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note* bħal dik[14]. Il-liġi ssemmi wkoll għal liema raġunijiet persuna intimata tista' tressaq talba ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kambjala jew il-*promissory note*, għal kollox jew f'biċċa minnha;

Illi r-raġunijiet li l-liġi ssemmi biex tinżamm l-eżegwibilità ta' kambjala jew *promissory note* huma (a) li l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma jkunux tal-persuna li tintalab tħallasha; u (b) "raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas" tagħha. Il-liġi ma tgħidx x'inhuma tali raġunijiet gravi u validi. Ma jidhirx li dan kien nuqqas min-naħa tal-leġislatur, iżda t-tħollija għad-diskrezzjoni tal-qrati biex jaraw huma, fil-każ partikolari li jitressaq quddiemhom u f'eżerċizzju mad-daqqa t'għajn, x'tista' tkun ir-raġuni tajba u gravi li twassalhom jordnaw it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*[15];

Illi jissemmew każijiet li jixħtu dawl dwar liema jistgħu jkunu dawk iċ-ċirkostanzi serji biżżejjed biex jitqiesu bħala "raġuni gravi" għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 253(e). Għalhekk, b'eżempju, jidher li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza fuq il-persuna li ġibditha jew jekk tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu bħala "gravi" biex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa minn qorti[16]. Hekk ukoll hija raġuni tajba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni ta' kambjala fejn l-intima bl-ittra ġudizzjarja ssir kontra persuna li ma tidher imkien fuq l-istess kambjala[17], jew fejn il-kambjala tkun inħarġet bla ma jissemma l-kreditur tagħha[18]. Iżda l-fatt li l-eżekuzzjoni ta' kambjala minn sensiela ta' kambjali maħruġa w aċċettati tkun inżammet b'ordni ta' xi qorti, ma jżommx ta' bilfors l-eżekuzzjoni ta' kambjala oħra minn sensiela bħal dik, u dan għaliex irid jitħares il-karattru awtonomu ta' kambjala bħala strument ta' kreditu[19];

Illi huwa aċċettat ukoll li l-istħarriġ li trid tagħmel il-Qorti fi proċedura bħal din irid ikun wieħed mad-daqqa t'għajn u li minnu jkun jidher li hemm xi raġuni tajba u serja biżżejjed biex minnha wieħed jaqbel li jkun aktar xieraq u mistħoqq li tintlaqa' t-talba għaż-żamma tal-eżekuzzjoni tal-

[14] Proviso tal-art. 253(e) tal-Kap 12
[15] P.A. LFS **16.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Depasquale vs Publishers Enterprises Group (PEG) Ltd*** (mhix appellata)
[16] App. Ċiv. **3.2.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Ian Pecorella vs Sovereign Caterers Ltd. et***
[17] P.A. MCH **25.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Panaco Marketing Ltd vs Walter Bonniċi pro et noe*** (mhix appellata)
[18] Art. 123 tal-Kap 13 u ara P.A. MCH **18.5.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Brian's Tyre Services Ltd et vs Paul Fenech*** (mhix appellata)
[19] App. Ċiv. **28.9.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Pater Finance Co. Ltd. vs Dr Kevin Schembri et***

kambjala[20], u li r-raġunijiet gravi u validi li l-eżekutat jista' jġib 'il quddiem ma jistgħux ikunu usa' minn dawk li l-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – jagħti lil min ikun irid iżomm kambjala milli titħallas;

Illi ladarba, fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, il-kambjala baqgħet ma ġietx ġirata, il-Qorti ma tistax twarrabha għal kollox mill-qafas li fih inħarġet u għal liema obbligazzjoni jew kontrattazzjoni tirreferi[21]. Mill-fatti jirriżulta li l-kambjala nħarġet biex tkopri l-aħħar għoxrin elf ewro (€20,000) dejn li kien baqa' x'jitħallas lill-eżekutant skond il-kitba ftehim tas-6 ta' Novembru, 2013[22]. Ir-rikorrenti eżekutati jgħidu li l-kambjala saret b'qerq għaliex ma kinux jafu li, waqt li n-negozju kien f'idejn l-imħarrek eżekutant, kien qiegħed jabbuża mis-sistema tad-dawl u għaldaqstant m'għandhomx jiġu mġiegħla jħallsuha, ladarba kellhom jidħlu fi spejjeż biex jaslu fi ftehim mal-Korporazzjoni biex iħallsu l-multi biex ma taqtax il-provvista tal-elettriku għall-istabbiliment. Dak li għaldaqstant qed jiġi kontestat mir-rikorrenti eżekutati huwa li l-ammont li l-kambjala tirreferi għalih ma huwiex dovut għaliex qatt ma kien dovut għaliex huwa l-frott tal-qerq, u għaldaqstant m'għandhomx jiġu mġiegħla jħallsuh;

Illi fil-fehma tal-Qorti, din id-difiża ma tistax titressaq fi proċediment bħal dan. Minn qari tar-rikors, imkien ma jirriżultalha lill-Qorti li r-rikorrenti qed jattakka l-kambjala nnifisha bħala mhix valida u qatt ma kienet tali għaliex hija milquta minn nuqqas li jagħmilha mhux eżegwibbli. Din il-Qorti jidhrilha f'waqtu ssemmi x'jgħid l-awtur Goode[23] meta jittratta d-difiżi li jistgħu jitqajmu minn parti li tintalab biex tħallas kambjala li hija tkun aċċettat. Huwa jgħid: "*A party sued on a bill may assert that, as between himself and the claimant, it is a complete nullity, and thus not capable of imposing liability upon him. Such a defence is termed a real defence, for it is founded on the inherent invalidity of the res itself, i.e. the bill, as opposed to a defence based on the personal relationship between claimant and defendant. Matters which affect the validity of a bill, so as to be capable of generating real defences, are forgery of a signature, lack of capacity of a signatory, want of authority in the drawing or transfer of the bill, material alteration, the occurance of an event causing discharge of the bill, and fraud or illegaility of a kind rendering the bill void as opposed to merely voidable. .. .. .. By contrast, a personal defence is one which is not founded on the invalidity of the instrument but derives from factors exteral to the bill which affect the relationship between claimant and defendant. Among such defences are total or partial failure of consideration for the bill, e.g. through non-performance of the underlying contract or other obligation in respect of which it was given; rights of set-off; the right to avoid liability on the bill on the ground that its delivery was induced by*

[20] P.A. LM **21.10.2016** fil-kawża fl-ismijiet ***Emmanuel Mallia vs Francis Chetcuti***
[21] P.A. TM **16.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Ġiordmanina et vs Joseph Paċe et*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**7.7.2006**)
[22] Ara l-affidavit ta' Joseph Cachia f'paġ. 21 tal-proċess
[23] Goode on Commercial Law, Penguin Books (4th Edit., 2010), paġ. 553

*misrepresentation rendering it voidable as between misrepresentor and misrepresentee*";

Illi, fil-fehma tal-Qorti, fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet dottrinali, jidher li r-raġuni li l-eżekutati miżżewġin Cachia qegħdin iġibu 'l quddiem biex jitolbu lil din il-Qorti twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala aċċettata minnhom hija fis-sura ta' eċċezzjoni ta' natura personali u, għalhekk, ma tistax iddewwem il-ħlas tal-istess kambjala[24]. Minbarra dan, kif sewwa irrileva l-għaref difensur tal-eżekutant, il-kambjala mertu ta' din il-proċedura hija l-mod tal-eżekuzzjoni f'parti ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' dejn ċert li, sallum, l-eżekutati ma attakkaw bl-ebda mod;

Illi lil hinn minn dan kollu, ir-rikorrenti eżekutati ma ressqu l-ebda raġuni oħra għaliex din il-Qorti jmissha tilqa' t-talba tagħhom biex twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kambjala mitluba mill-imħarrek eżekutant Saliba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti eżekutati** biex tinżamm l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-każ, għaliex ma nġabet l-ebda raġuni tajba fid-dritt biex isir dan;

**Tordna** wkoll li l-istess rikorrenti eżekutati jħallsu l-i**spejjeż** ta' din il-proċedura.

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**
**14 ta' Frar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**
**14 ta' Frar, 2019**

---

[24] Art. 198(1) tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta